IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-VIRTÙ**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 19**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**Il-Erbgħa 27 ta' Jannar 2016 fis-5.45 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sra Renate Guillaumier | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna Louise Agius | Membru |
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sam Abela | Ċerpersin |
| Is-Sna Audrey Sant | Membru |

**Peress illi ċ-Ċerpersin kien skużat, ippresediet il-laqgħa l-Viċi Ċerpersin Renate Guillaumier.**

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B17**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B17 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Viċi Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B17

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B 17**

2.01 2.06 Dwar is-*soft area* ta' Triq Francesco Azzopardi k/m Triq Carlo Fiamingo l-Kumitat innotta li ma kinux tħawwlu iż-żewg tipi ta' pjanti kif kien miftiehem għaldaqstant kien hemm qbil li qabel inkellmu lil kuntrattur jiġu ddentifikati liema kienu l-pjanti mniżżla fil-kwotazzjoni. Diskussjoni dwar is-*soft areas*



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

2.02 3.01 Is-Sur Christopher Farrugia qal li l-bozza trid tiġi fuq arblu, b'żewġ bozzoz u mhux b'bozza waħda. Huwa qal li l-bozza trid tiċċaqlaq minn fejn qiegħda bħalissa u l-arblu jiġi mwaħħal fic-*central strip*.

Bozza ġdida fi Triq Carlo Fiamingo k/m Triq il-Buskett

## 3.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B18

3.01 Il-minuti tas-seduta nru B18 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Viċi Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B18

## 4.00 Komunikazzjoni mill-Membri

4.01 Is-Sur Christopher Farrugia qal li fuq in-naħa tal-lemin tal-Kastell tal-~~Verdala~~ Virtu hemm bini abbandunat li qiegħed jaqa' u li jinsab mimli b'kull tip ta' skart u terrapin.
Ġie deċiżż li s-Sur Farrugia jgħaddi r-ritratti tal-binja imsemmija kif ukoll *site plan* taż-żona lill-amministrazzjoni tal-Kunsill sabiex dawn jintbgħatu lid-Dipartiment tal-Artijiet biex jigi vverifikat jekk din il-binja hijiex tal-gvern jew inkella tal-privat.

Bini abbandunat

4.02 Is-Sur Christopher Farrugia qal li fi Triq Alessandro Curmi kif ukoll fi Triq Ġużeppi Caruana qed ikun hemm karozzi pparkjati fuq iż-żewġ naħat tat-triq u dan qed joħloq inkonvinjent kbir għall-vetturi u trakkijiet li jgħaddu minn hemm. Għaldaqstant huwa ppropona li jsiru *double yellow lines* fuq naħa tal-lemin taż-żewg toroq, inti u dieħel minn Triq Robert Sammut. Is-Sna Louise Agius issekondat din il-proposta. Il-Kumitat qabel unanimament.

*Double Yellow Lines* fi Triq Alessandro Curmi u Triq Ġużeppi Caruana

4.03 Is-Sra Renate Guillaumier saħqet dwar l-bżonn li jinżebagħ ir-*railing* u l-bankijiet tal-Belvedere.

*Railing* u bankijiet tal-Belvedere

## 5.00 Korrispondenza

5.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0021/16**, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa r-resident kien qiegħed jilmenta l-ammont kbir ta' ħmieġ tal-klieb li qed ikun hemm fiż-żona tal-Virtu.

Il-Kumitat qabel li ssir t-talba sabiex l-*Eco Wardens* jissorveljaw iż-żona tal-Ursolini fi Triq tal-Virtu k/m Triq Francesco Azzopardi u fiż-żona tal-Belvedere bejn is-6:30 am u t-8:30 am.

Ilment dwar ħmieġ tal-klieb

## 6.00 Materji Oħra

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-laqgħa pubblika annwali tal-lokalita'

Laqgħa Pubblika Annwali tal-

tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù ser issir f'laqgħa waħda flimkien ma' tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija u tal-Kunsill Lokali Ir-Rabat. Din il-laqgħa ser issir nhar it-Tlieta 9 ta' Frar 2016 fis-6.00 p.m. Lokalita'

**7.00 Data tas-seduta li jmiss**

7.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tnejn 29 ta' Frar 2016 fis-5.45 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

7.02 Il-laqgha ntemmet fis-6:50 ta' filghaxija.

Minuti approvati llum it-Tnejn 29 ta' Frar 2016

**Sam Abela**
**Ċerpersin**

**Orietta Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**